**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 527/2021**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Elliot Magro)**

**-Vs-**

**MARK JOHN MIZZI**

**Illum, 26 ta' Mejju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **MARK JOHN MIZZI** detentur tal-karta tal-identita' 0333283M imwieled ġewwa Pieta' nhar it-22 ta' Ġunju, 1983, a residenti fil-fond bin-numre 56, Montego, Triq is-Sewwieqs, Ħamrun, akkużat talli nhar l-10 ta' Mejju 2021 u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel ġewwa Balzan u f'dawn il-Gżejjer b'diversi atti magħmula minnu fi żminijiet differenti, li kissru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li kienu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:-

1. Kellu fil-pussess tiegħek animal perikoluż, fejn ma kienx reġistrat biex iżżommu.

2. Akkużat ukoll talli fl-stess dati, lok u ċirkostanzi żamm annimal perikoluż, f'sit li ma kienx approvat mid-Direttur.

3. Akkużat ukoll talli fl-stess dati, lok u ċirkostanzi żamm annimal perikoluż mhux ġewwa stabbiliment Zoologiku.

4. Akkużat ukoll talli fl-stess dati, lok u ċirkostanzi żamm annimal perikoluż, mhux f'magħlaq adegwat u sigur li jirrispetta r-rrekwiżiti tal-annimal perikoluż inklużi f'termini ta' saħħa, indafa u mikro-klima meħtieġa għall benesseri ta' l-annimal.

5. Akkużat ukoll talli fl-stess dati, lok u ċirkostanzi żamm annimal perikoluż f'magħlaq li ma kienx spezzjonat u approvat mid-Direttur.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u u l-iskwalifika miż-żamma jew ksib ta' xi warrant, liċenza, permess jew awtorita' skond ir-Regolament 16 tal-L.S. 439.19.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali fis-26 ta' Awwissu 2021 sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet lill-Uffiċjali Prosekutur jaqra u jikkonferma l-akkużi bil-ġurament[1];

Semgħet lill-imputat waqt l-ezami iwiegeb li mhux ħati;

Semgħet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

[1] Seduta tat-18 ta' Frar 2020.

Rat ir-rapport ippreżentat mill-espert maħtur minnha, Reuben Montebello fil-15 ta' Marzu 2022;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-difiża jiddikjaraw li minkejja li r-rapport tal-espert ġudizzjarju ġie redatt bil-lingwa Ingliża, mhux meħtieġ li dan jiġi tradott formalment għal-lingwa Maltija;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2022;

Rat illi l-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-imputat jinsab mixli b'diversi reati taħt ir-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikolużi (Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19[2]), akkużi li huma msejsin fuq l-allegazzjoni li huwa żamm fil-pussess tiegħu annimal perikoluż. Dan l-annimal huwa speċi ta' qattus u hija t-teżi tal-Prosekuzzjoni li dan il-qattus jaqa' fid-definizzjoni ta' annimal perikoluż taħt l-Iskeda B tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19 u konsegwentement jaqa' biex jiġi regolat minn dawn ir-Regolamenti.

Huwa għalhekk minnufih evidenti li l-każ kontra l-imputat jistrieħ fondamentalment fuq id-determinazzjoni jekk l-annimal li mill-provi jirriżulta li l-imputat għandu fil-pussess tiegħu (ara ritratti Dok. SB1 u SB2) huwiex, effettivament, annimal perikoluż għall-fini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19. Dan qed jingħad għaliex ir-regolamenti kollha li l-imputat qed jiġi mixli bil-ksur tagħhom, jikkonċernaw unikament u esklussivament, annimali perikolużi u il-frieħ tagħhom.

[2] Avviż Legali 46 tal-2019.

Il-Qorti tibda biex tosserva li jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni tipprova l-elementi kollha kostituttivi tar-reati addebitati lill-imputat – l-iktar essenzjali fost dawn l-elementi li l-qattus in diżamina jaqa' fid-definizzjoni ta' annimal perikoluż. Prova li trid tikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi l-imputat huwa ħati li kkommetta r-reati li jinsab mixli bihom. Din iċ-ċertezza trid tkun tkun radikata fi stħarriġ sħiħ u għaqli tal-evidenza u s-sottomissjonijiet kollha miġjuba, tal-provi kollha diretti u ċirkostanzjali li jkunu tressqu quddiemha u li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk.

Kif inhuwa risaput, għas-sejbien ta' ħtija kriminali, is-sistema ġuridiku tagħha jeħtieġ li min għandu jiġġudika jkun konvint lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Dan il-grad ta' prova ċioe' ċ-ċertezza morali, diversament miċ-ċertezza assoluta, hija l-ogħla *threshold* ta' prova li l-liġi teħtieġ fl-ordinament ġuridiku tagħna sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat kriminali. Jinkombi għalhekk fuq il-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Fir-rigward, din il-Qorti tagħmel referenza għall-insenjament ta' sentenza reċenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali li in tema, qalet hekk:-

*"19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tas-sikurezza. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Peralta deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ,* ***in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal b'sikurezza għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat****, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta'*

*sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.*

*20. U huwa biss meta jkun hemm* ***id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens****, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih."*[3] (emfasi ta' din il-Qorti)

Applikat dan l-insenjament għall-fattispeċje tal-każ in diżamina jfisser li f'każ li ma tiġix riskonstrata dik is-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-qattus in diżamina huwa annimal perikoluż fit-termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19, il-każ kontra l-imputat ifalli *in toto* u ma tistax tinstab ħtija fl-imputat għal ebda wieħed mir-reati addebitati lilu.

Ikkunsidrat;

Illi r-regolament 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19 jiddefinixxi 'annimal perikoluż' bħala kull speċi ta' annimal meqjus mid-Direttur bħala perikoluż, sew jekk minħabba li jista' jikkawża korriment jew ħsara lill-bnedmin sew jekk xort'oħra. Imbagħad, ir-regolament 3(1) jipprovdi illi d-Direttur jista' jqis kwalunkwe annimal bħala annimal perikoluż, filwaqt li s-sub-regolament (3) tal-istess regolament 3 jistipola li annimal perikoluż għandu jiġi identifikat bħala tali fil-lista riprodotta fl-iSkeda B tal-Leġislazzjoni Sussidjarja in diżamina.

Minn ħarsa lejn l-Iskeda B tal-L.S. 439.19 fil-parti li tirregola l-familja "*Felidae*", jirriżulta li fost il-qtates li jitqiesu bħala annimal perikoluż għall-fini tar-Regolamenti

---

[3] **Il-Pulizija v. Ali Mohammed Ali Alturouq**, deċiża 24.6.2021.

in diżamina, insibu l-ispeċi *serval*. Biex qattus jitqies li huwa eskluż mil-lista tal-annimali perikoluż, jeħtieġ li dan ikun qattus imsemmi fil-paragrafu (a) tal-Iskeda B (qtates) jew qattus ibridu imnissel kif speċifikat fil-paragrafi (b) sa (e) tal-istess Skeda B (qtates).

Wara li semgħet ix-xhieda ta' Charles Spiteri, il-Qorti fehmet illi t-teżi tal-Prosekuzzjoni hi li l-missier tal-qattus tal-imputat huwa kollu kemm hu *serval* u li l-istess qattus m'huwiex dixxendent (nisel) fl-ewwel grad ta' qattus domestiku jew qattus ibridu imsemmi fl-Iskeda B u konsegwentement, ma jiffigurax fil-lista ta' qtates li huma eżenti mir-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikolużi.

Charles Spiteri xehed[4] hekk dwar il-qattus in diżamina: "... *wieħed mill-ġenituri tal-omm huwa hybrid ... Iġifieri wieħed mill-ġenituri ifisser li hemm domestic cat fih. ... Mela huma għammru l-hybrid ma' serval reġgħu. ... Imbagħad l-offspring tagħhom reġgħu għammruh ma' serval pur. ... iġifieri b'hekk qisu twenty five percent qisu domestic cat, ... seventy five percent huwa ta' serval*".

Iżda min-naħa l-oħra, Dr. Sara Boccuni, ukoll xhud tal-Prosekuzzjoni, għalqet id-depożizzjoni tagħha billi kkonfermat[5] li ma tistax teskludi li wieħed mill-ġenituri tal-qattus tal-imputat huwa tal-ispeċi *felix silvestrus catus* (qattus domestiku) imsemmi fost il-qtates li huma esklużi mill-iskop tar-Regolamenti u huwa diffiċli li wieħed ikun ċert mit-tnissil tal-qattus tal-imputat. Hija xehdet hekk: "... *I mean you cannot say if a parent was a domestic cat if because even because of the looking of the cat ... it's very difficult...*"[6]

Iċ-ċertifikat tal-importazzjoni (Dok. SB4) tal-qattus tal-imputat jiddeskrivi lil dan il-qattus bħala "*Savannah F1*". Din ir-razza m'hijiex imsemmija espressament fost il-qtates li skont ir-Regolamenti jitqiesu bħala annimali perikolużi u ma jirriżultax lanqas illi din ir-razza kienet meqjusa speċifikatament mid-Direttur tad-Direttorat

[4] Xhieda tal-4 ta' Novembru 2021.
[5] Xhieda tat-30 ta' Settembru 2021.
[6] Folio 17.

għas-Servizzi Veterinarji bħala annimal perikoluż a tenur tar-regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19 fiż-żmien meta dan l-annimal ġie fil-pussess tal-imputat[7]. Iċ-ċertifikat tal-pedigree (Dok. CS2) ukoll jiddeskrivi lill-qattus bħala "*Savannah F1*" iżda jispeċifika li għandu l-missier li huwa Gay Julius Caesar u l-omm li hija Ariel Royalstatuscat.

L-espert ġudizzjarju Reuben Montebello fir-relazzjoni tiegħu spjega li l-*filial designation* tal-qattus tal-imputat bħala "*Savannah F1*" fiċ-ċertifikat tal-pedigree, ifisser li huwa l-eqreb nisel ta' *serval*: dan għaliex Gay Julius Caesar (il-missier dirett tal-qattus) huwa qattus *serval* pur filwaqt li Ariel Royalstatuscat (l-omm) hija ibridu li ġiet imnissla min-naħa tal-omm minn *savannah cat.* Il-korollarju ta' dan hu li l-qattus in diżamina għandu fattur ereditarju ta' ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) ta' *serval*.

L-espert fisser ukoll illi *Savannah cat* huwa ibridu imnissel minn African Serval u qattus domestiku[8] u ssenjala li l-iktar karatterisiku distintiv tiegħu huwa l-kobor tal-widnejn u t-tul tagħhom relattivament għal qattus domestiku. Meta huwa spezzjona l-qattus tal-imputat fiżikament, l-espert ikkostata illi filwaqt li l-qattus jimmanifesta karatteristiċi morfoloġiċi li huma simili għall-fattizzi disintivi ta' *serval*, partikolarment il-marki fuq il-pil, huwa relattivament iżgħar fid-daqs minn qattus *serval* u ma wera l-ebda sinjal ta' perikolu jew aggressjoni.

Ikkunsidrat;

Huwa fatt illi l-qattus tal-imputat ġie dikjarat fiċ-ċertifikati relattivi tiegħu, inkluż mill-*breeders* tiegħu ġewwa r-Russja, bħala *Savannah F1* u mhux bħala qattus *serval* pur u fir-rigward, ġie stabbilit mill-espert Reuben Montebello illi ċ-ċertifikat tal-pedigree huwa wieħed awtentiku[9]. Għalkemm, kif ġie stabbilit, teżisti similarita' sostanzjali bejn il-karatteristiċi esterni ta' *Savannah cat* u *serval cat,* l-espert esprima

---

[7] F'Diċembru 2020.

[8] Paġna 16 tar-relazzjoni.

[9] Huwa kkonferma wkoll li meta l-qattus ġie skenjat biex jinqara n-numru tal-microchip, irriżulta li n-numru tiegħu jaqbel man-numru tal-microchip dikjarat fuq iċ-ċertifikat tal-pedigree u fiċ-ċertifikat veterinarju.

l-opinjoni li ma jistax jiġi konkluż b'xi qies ta' ċertezza li l-qattus tal-imputat bin-numru elettroniku ID 900217000278067 huwa annimal perikoluż fit-termini tal-Iskeda B tal-L.S 439.19 u għall-finijiet tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja.

Konsegwentement, hija l-fehma tal-Qorti illi ġaladarba l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova illi omm il-qattus ma kienetx qattus domestiku, ma jirriżultax li huwa ppruvat lil hinn minn kull dubju raġjonevoli li l-qattus in diżamina huwa annimal perikoluż.  Magħdud ma' dan kollu l-fatt illi l-qattus tal-imputat m'huwiex dikjarat fiċ-ċertifikati tiegħu bħala *serval* u ma ntweriex lanqas li dawn iċ-ċertifikati m'humiex awtentiċi.

Il-Qorti taqbel mal-espert ġudizzjarju illi biex jiġi eleminat kull dubju dwar jekk *Savannah cat* huwiex annimal perikoluż skont l-Iskeda B, dan kellu jkun imsemmi espressament bħala tali.  Iżda l-Iskeda B ma jinkludix espressament mill-familja *Felidae* qattus Savannah u fil-fehma tal-Qorti, kieku l-leġislatur ried li qtates meqjusa mill-Iskeda B espressament bħala annimali perikolużi jinkludu wkoll din ir-razza partikolari, kien jgħidha espressament *ubi lex voluit dixit*.  **Il-Qorti m'hijiex sejra twessa' hija stess it-tifsira ta' dan il-kliem meta l-leġislatur innifsu għażel li ma jinkludix espressament dan il-qattus fil-kategorija ta' annimali perikolużi.**

Mir-relazzjoni tal-espert ġudizzjarji, jirriżulta wkoll illi d-dħul tal-annimal f'Malta ma ġiex notifikat preventivament lill-awtoritajiet veterinarji u għalhekk ma kienx sar spezzjoni fiżika tal-annimal u d-dokumenti korrispondenti mal-wasla tiegħu f'Malta biex l-awtoritajiet kompetenti mill-ERA jidentifikaw l-ispeċi tal-annimal in kwistjoni[10].  Għalkemm fid-digriet tagħha tal-10 ta' Marzu 2022 il-Qorti rriżervat li tipprovdi fi stadju ulterjuri, jekk ikun il-każ, dwar it-talba tad-Direttur tad-Direttorat għas-Servizzi Veterninarji għall-ħatra tal-uffiċjali tal-ERA bħala esperti ġudizzjarji, u dan wara li tara r-relazzjoni tal-espert Reuben Montebello, jirriżulta illi l-Prosekuzzjoni, in segwitu għal dan id-digriet, iddikjarat li ma kellhiex iktar provi xi tressaq f'din il-kawża u ma saret l-ebda insistenza fuq it-talba għall-ħatra ta' esperti

[10] Ir-raġuni għal dan huwa li l-qattus ma għaddiex mill-channels ufficjali biex daħal Malta.

ulterjuri. Dan minkejja li, skont id-Direttur, il-prova meħtieġa setgħet issir biss permezz tal-uffiċjali tal-ERA. Fil-fehma tal-Qorti dan ifisser li l-Prosekuzzjoni baqgħet ma ressqitx prova fil-grad li tesiġi l-liġi għas-sejbien ta' ħtija kriminali fl-imputat għar-reati addebitati lilu.

Għalhekk, ġaladarba *Savannah cat* mhuwiex elenkat fil-lista ta' qtates fl-Iskeda B li huma kkunsidrati bħala annimali perikolużi u l-Prosekuzzjoni ma ġabitx prova li n-nisel tal-qattus in diżamina ma jaqax fid-definizzjoni tal-qtates li huma esklużi mill-Iskeda B (Felidae), il-Qorti tirravviża dubju dettat mir-raġuni li minħabba fih ma tistax tkun moralment konvinta li l-qattus tal-imputat huwa annimal perikoluż għall-finijiet tar-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikolużi (L.S. 439.19).

In konklużjoni, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-eżistenza oġġettiva ta' dan id-dubju ġiet affermata pożittivament mid-Direttur tad-Direttorat tas-Servizzi Veterinarji nnifsu meta, fil-11 ta' Frar 2022, ippubblika fil-gazzetta tal-Gvern, Ordni ta' Emerġenza a tenur tar-regolament 3(3) tal-L.S. 439.19 fejn ġie dikjarat li b'effett mid-data tal-istess pubblikazzjoni, l-annimal qattus tat-tip *Savannah* huwa meqjus bħala annimal perikoluż għall-fini tal-imsemmija Regolamenti.

Hu ovvju li din id-dikjarazzjoni ma jistax ikollha effett retroattiv biex issib applikazzjoni għad-determinazzjoni tal-ħtija tal-imputat meta, fiż-żmien indikat fiċ-Ċitazzjoni tal-kommissjoni tar-reati in diżamina, ċioe' fl-10 ta' Mejju 2021 u fil-ġimgħat u xhur ta' qabel, din l-Ordni ta' Emerġenza ma kienetx fis-seħħ. Għalhekk, billi ma jirriżultax li l-qattus tat-tip *Savannah* kien, dak iż-żmien, meqjus espressament bħala annimal perikoluż la fl-Iskeda B u lanqas permezz tal-pubblikazzjoni ta' xi Ordni ta' Emerġenza, ma tistax tinstab ħtija fl-imputat għar-reati addebitati lilu f'din l-azzjoni kriminali għaliex f'dak iż-żmien, savannah cat ma kienx meqjus espressament bħala annimal perikoluż għall-finijiet tar-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikolużi.

**Għal dawn il-motivi kollha, ma ssibx lil MARK JOHN MIZZI ħati ta' ebda waħda mill-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tilliberah minn kull ħtija u piena.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**